

## DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Mejju 2012

**li temenda d-Deċiżjoni 2002/840/KE li tadotta l-lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi għat-tnejħija ta' radjazzjoni minn fuq l-ikel**

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 3179)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/277/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approsimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 1999/2/KE, oġġett tal-ikel ittrattat b'radjazzjoni li tijonizza ma jistax jīġi importat minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx ġie ttrattat ffaċilità tal-irradjazzjoni approvata mill-Unjoni Ewropea.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/840/KE <sup>(2)</sup> ġiet stabilita lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi.
- (3) L-awtoritajiet Tajlandi infurmaw lill-Kummissjoni li l-isem ta' waħda mill-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati li jinsabu fit-Tajlandja inbidel.

(4) Id-Deċiżjoni 2002/840/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2002/840/KE huwa emendat skont it-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Mejju 2012.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 287, 25.10.2002, p. 40.

## ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2002/840/KE,

**‘Nru ta’ Referenza: EU-AIF 08-2006**

ISOTRON (THAILAND) LTD  
Bangpakong Industrial Park (Amata Nakorn)  
700/465 Moo 7, Tambon Donhuaroh,  
Amphur Muang,  
Chonburi 20000  
It-Tajlandja

Tel. (66) (0) 38 458431 sa 4:  
Faks (66) (0) 38 458435”

jinbidel b'li ġej:

**‘Nru ta’ Referenza: EU-AIF 08-2006**

Synergy Health (Thailand) Ltd.  
700/465 Amata Nakorn Industrial  
Moo 7, Tambon Donhuaroh,  
Amphur Muang,  
Chonburi 20000  
It-Tajlandja

Tel. (66) (0) 38 458431 sa 3 u (66) (0) 38 450092 sa 3  
Faks (66) (0) 38 458435 u (66) (0) 38 717146”

---